# NGĦIDLEK ID-DRITT **NITKELLEM BL-IMGĦAWWEĠ**

IR-RABTI, IL-MELLIEĦI, IS-SANNATI, IL-QORMI, IX-XLUKKAJR…
**DR MICHAEL SPAGNOL** JAGĦTI ĦARSA LEJN
L-GĦANA TA' DJALETTI LI NSIBU FIL-GŻEJJER MALTIN

"Jiena ngħawweġ, nitkellem bl-imgħawweġ." Minn kif nitħaddtu dwaru, id-djalett donnu xi għamla korrotta tal-lingwa, verżjoni inferjuri mhux ta' quddiem in-nies. Issib min jgħidlek, "Tgħawwiġx, tkellem bil-pulit!". Il-Malti standard *pulit* u l-Malti djalettali *mgħawweġ*. Iżda din mhix kwistjoni ta' dritt u mgħawweġ. L-istandard hu l-lingwa li tipikament nużaw fil-pubbliku, fl-edukazzjoni, fl-amministrazzjoni, fil-mezzi tax-xandir, u l-bqija, u li għandha dizzjunarju, grammatika, letteratura u ortografija stabbilita. Id-djalett hu varjetà tal-lingwa marbuta ma' reġjun partikolari. Ngħidu aħna, fil-gżejjer Maltin insibu għadd ta' djaletti, bħall-Mosti, in-Naduri u ż-Żurrieqi.

Ħafna jfixklu d-djalett mal-aċċent. L-aċċent jirreferi għall-pronunzja, għall-kisra partikolari fit-taħdit li tagħżel komunità minn oħra. Għall-argument, il-kelma *raġel* biż-Żejtuni tingħad *ruġel* u bin-Naduri *ruġul*. Inkella l-kelma *kollox* tingħad *killex* Ħaż-Żebbuġ, *killix* Ta' Sannat, u *kullox* jew *kullux* Marsaxlokk. Id-djalett, mill-banda l-oħra, jirreferi mhux biss għal differenzi fit-tlissin, imma wkoll għal differenzi fil-grammatika u fil-vokabolarju. Allura, il-mistoqsija tqum waħedha: hawn Malta x'għandna djaletti jew aċċenti?

Aċċenti għandna żgur, għax il-kliem jitlissen differenti minn raħal għal ieħor. Pereżempju, *sigħat* f'xi lokalitajiet tingħad *sagħat*, *baħar* tingħad *beħer*, u *sema* tingħad *seme* jew aħjar *semæ*, għax il-vokali tat-tarf la hi a u lanqas e, iżda ħoss vokaliku ieħor li jinsab fid-djaletti imma mhux fl-istandard. Id-differenzi fost id-djaletti ma nsibuhomx biss fil-vokali. Ix-Xewkija l-konsonanti q bosta jlissnuha k, bħal fi *tri<u>k</u>* (triq) jew *<u>k</u>uddiem* (quddiem). Fiż-Żejtuni u x-Xlukkajr il-m xi drabi ssir b, eżempju *<u>b</u>'ogħla hawn* (m'ogħla hawn) u *<u>b</u>umli xkura* (mimli xkora). F'xi djaletti l-h ġieli tinħass: issib min jgħid *da<u>ħ</u>ri* (dahri) u *de<u>ħ</u>eb* (deheb). Fid-djalett tal-Għarb u f'xi djaletti Għawdxin oħrajn saħansitra tinstema' l-għajn, li storikament kienet ir-rgħajn. Fi kliem bħal *d<u>għ</u>ajsa*, *<u>għ</u>ana* u *xo<u>għ</u>ol* l-għajn titlissen bħall-g fil-kelma *amigo*, ħabib bl-Ispanjol.

Apparti dawn id-differenzi fil-pronunzja, insibu wkoll differenzi grammatikali. Ngħidu aħna, fid-djaletti Għawdxin il-plurali ta' *torta* u *karozza* mhumiex *torti* u *karozzi* imma *torot* u *kroroz*. Il-ġens ta' *biro* għall-Għawdxin hu maskili (eż. *biro iswed*), waqt li għall-Maltin hu femminili (eż. *biro sewda*). Minflok *naqta'/naħsel xagħri*, ħafna Għawdxin jużaw *naqta'/naħsel ix-xagħar*. Iż-Żejtun u Marsaxlokk in-negattiv ta' *hu* u *huma* jiġu *mihux* (mhux) u *mihomx* (mhumiex). In-naħa ta' fuq ta' Malta u Għawdex il-komparattiv ta' *baxx* mhux *aktar/iżjed baxx* iżda *ibxex* jew *ibaxx*. In-naħa taż-Żurrieq u l-Imġarr minflok *mhux qed/qiegħed jaħdem* jużaw *ma qedx/qiegħedx jaħdem*, forma tan-negattiv li ma nsibuhiex fl-istandard.

Fost id-djaletti Maltin u Għawdxin insibu wkoll varjazzjoni lessikali, jiġifieri kliem differenti għall-istess oġġett jew għemil. F'xi rħula l-antiporta tissejjaħ *boxxla*. In-nannakola r-Rabat u Ħad-Dingli jsejħulha *żajba żajbona*, is-Siġġiewi *semperlina*, u l-Imqabba *żeppellina*. In-naħa taż-Żurrieq, Ħal Safi u l-Qrendi, apparti l-interjezzjoni *jaqq*, tintuża wkoll *ħajz*, bl-istess tifsira ta' taqżiż (eż. *ħajz kemm hu ħażin l-ikel!*). Din l-interjezzjoni tintuża anki Għawdex. It-tajra, dak il-ġugarell li ntajru fis-sema, iż-Żejtun u Marsaxlokk magħrufa bħala *manuċċa*, u f'xi lokalitajiet oħrajn tissejjaħ *fjamma* jew *ħamiema*. Dawn id-differenzi fil-vokabolarju joħorġu l-aktar meta nqabblu t-taħdit tal-Maltin ma' tal-Għawdxin, kif jidher fl-istampa.

Ladarba nsibu dawn id-differenzi fil-pronunzja, fil-grammatika u fil-vokabolarju, nistgħu bla tlaqliq ngħidu li, minkejja ċ-ċokon tagħhom, ħafna bliet u rħula Maltin u Għawdxin għandhom djalett partikolari li jagħżilhom mill-bqija.

| GĦAWDEX | MALTA |
|---|---|
| smontor | fidda, *foil* |
| ċombini | labar tal-inxir |
| trampi | kummiedji, bużullotti |
| fettul | biskuttell |
| gejxa | *band* (tax-xagħar) |
| ħafsa | ponta, musmar |
| ħaxxem | għalaq, qaras (eż. sebgħu) |
| werqa ta' dindja | pal tal-bajtar |
| mejdina | tavolina |
| nemusiera | xibka tan-nemus |
| pastizz tal-ġobon | pastizz tal-irkotta |
| perċa | ħabel tal-inxir |
| pinuri | pilloli |
| regħex | staħa |
| xenxul | għanqud |